

Il-Ġurnal Ufficijali L 244 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

21 ta' Settembru 2022

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

★ Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1621 tal-20 ta' Settembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana	1
★ Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1622 tas-17 ta' Mejju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar is-swieq emerġenti u l-ekonomiji avvanzati (l')	3
★ Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1623 tal-14 ta' Lulju 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/891 għas-sena 2022 fir-rigward tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata, l-istratxija nazzjonali u l-irkupru tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għal impenji pluriennali fis-settural f-fis-żgħix u l-hnejjex minħabba l-kriżi kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russia	5
★ Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1624 tal-20 ta' Settembru 2022 li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/607 li jipponi dazju anti-dumping definitiv fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kif estiż għal importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar ikkonenjati mill-Marokk u mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati bħala li joriġinaw minn dawn il-pajjiżi u sew jekk le, wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	8

DEĊIJONIJIET

★ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1625 tal-20 ta' Settembru 2022 dwar il-konsegwenzi tad-deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli dwar ir-riorganizzazzjoni tal-istrutturi tal-maniġġar ċivili ta' kriżijiet fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fir-rigward tal-funzjoni tal-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għal missjonijiet ta' maniġġar ċivili ta' kriżijiet	15
--	----

(l) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

★ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1626 tal-20 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana	17
★ Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1627 tad-19 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna l-miżuri ta' emerġenza b'rabta mat-tifqigħat tal-influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (notifikata bid-dokument C(2022) 6786) (¹).....	19

Rettifika

★ Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1616 tal-15 ta' Settembru 2022 dwar materjali u oġġetti tal-plastik riċiklat maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 282/2008 (ĠUL 243, 20.9.2022)	70
--	----

(¹) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Attie mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/1621

tal-20 ta' Settembru 2022

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/798/PESK tat-23 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana (¹),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 224/2014 (²) sabiex ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2013/798/PESK isiru effettivi.
- (2) Fid-29 ta' Lulju 2022, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) adotta r-Riżoluzzjoni 2648 (2022). Dik ir-Riżoluzzjoni testendi l-miżuri u temenda l-eċċeżżonijiet għall-embargo fuq l-armi.
- (3) Fl-20 ta' Settembru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1626 (³), li temenda d-Deċiżjoni 2013/798/PESK f'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-KSNU Nru 2648 (2022).
- (4) Xi wħud minn dawk l-emendi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni biex dawn jiġi implementati flimkien mal-aġġustamenti tekniċi fid-dawl tar-Riżoluzzjoni preċedenti tal-KSNU, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 224/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-Regolament (UE) Nru 224/2014, l-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

(¹) ĠU L 352, 24.12.2013, p. 51.

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 224/2014 tal-10 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (ĠU L 70, 11.3.2014, p. 1).

(³) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1626 tal-20 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana (ĠU L 244, 21.9.2022, p. 17).

“Artikolu 3

“B’ deroga mill-Artikolu 2, il-projbizzjonijiet stabbiliti fdak l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta’ assistenza teknika, finanzjament jew għajnuna finanzjarja jew servizzi ta’ senserija:

- (a) maħsuba esklussivament għall-appoġġ ta’ jew l-użu mill-Missjoni Multidimensjonalni Integrata tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Istabilizzazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (MINUSCA), il-missjoniż tal-Unjoni u l-forzi Franċiżi skjerati fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, kif ukoll forzi ta’ Stati Membri oħra tan-Nazzjonijiet Uniti li jipprovdu taħriġ u assistenza kif notifikati f'konformità mal-punt (b);
- (b) relatati mal-provvista ta’ tagħmir mhux letali u l-għoti ta’ assistenza, inkluż taħriġ operattiv u mhux operattiv lill-forzi tas-sigurtà tar-Repubblika Ċentru-Afrikana, inkluż istituzzjonijiet statali tal-infurzar tal-liġi ċivili, maħsuba biss bħala sostenn jew għall-użu fil-proċess ta’ Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (RSS) tar-Repubblika Ċentru-Afrikana, fkoordinazzjoni mal-MINUSCA, sakemm il-provvediment ta’ assistenza u servizzi jkun ġie nnotifikat bil-quddiem lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet;
- (c) relatati mal-provvista ta’ tagħmir militari mhux letali maħsub biss għal użu umanitarju jew ta’ protezzjoni, dment li l-għoti ta’ tali assistenza jew servizzi jkun ġie nnotifikat minn qabel lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet;
- (d) relatati mal-ilbies protettiv, inkluż ġkieket rinfurzati u elmi militari, esportati temporanjament lejn ir-Repubblika Ċentru-Afrikana minn persunal tan-Nazzjonijiet Uniti, persunal tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, rappreżentanti tal-midja u ħaddiema umanitarji u fil-qasam tal-iżvilupp u persunal assoċjat, għall-użu personali tagħhom biss;
- (e) relatati mal-provvista ta’ armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari lill-forzi tas-sigurtà tar-RCA, inkluż istituzzjonijiet statali tal-infurzar tal-liġi ċivili, meta tali armi, munizzjon, vetturi jew tagħmir ikunu maħsuba biss għall-appoġġ tal-proċess tar-RCA tar-RSS jew għal użu fis, dment li l-provvediment ta’ tali assistenza jew servizzi jkun ġie nnotifikat minn qabel lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi l-għada tal-jum tal-publikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta’ Settembru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
M. BEK

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1622

tas-17 ta' Mejju 2022

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar is-swieq emerġenti u l-ekonomiji avvanzati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investimenti u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 325ap(3), it-tielet subparagraphu tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-rekwiżiti ta' fondi proprii għar-riskju tas-suq skont l-approċċ standardizzat alternativ stabbilit fl-Artikolu 325c sal-Artikolu 325ay tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jirrikjed, għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprii skont il-metodu bbażat fuq is-sensittivitajiet stabbilit fl-Artikolu 325d sal-Artikolu 325k, l-applikazzjoni tal-piżiżiet tar-riskju għar-riskju ta' ekwità spesifikati fit-Tabella 8 tal-Artikolu 325ap ta' dak ir-Regolament skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 461a. Billi s-swieq li jikkostitwixxu ekonomiji avvanzati u s-swieq emerġenti huma kategorji reċiprokament esklużivi, għandu jkun iċċarat li s-swieq kollha li ma jikkostitwux ekonomija avvanzati għandhom jitqiesu bħala swieq emerġenti.
- (2) Meta jiġi ddeterminat liema swieq jikkostitwixxu ekonomiji avvanzati u liema jikkostitwixxu swieq emerġenti, huwa meħtieġ, min-naħa, li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti u, min-naħa l-oħra, li jiġi stabbilit approċċ ibbażat fuq ir-riskju. F'dak ir-rigward, li tigħi speċifikata l-lista tal-pajjiżi li jikkostitwixxu ekonomiji avvanzati titqies bħala l-aktar soluzzjoni xierqa fid-dawl tal-approċċ segwit mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS) u l-ħtieġa li tinkiseb implementazzjoni komuni tal-metodoloġija għall-kalkolu tar-rekwiżiti relatati tar-riskju tas-suq fl-Istati Membri kollha. Filwaqt li l-standards internazzjonali tal-BCBS għandhom jitqiesu, għandu jiġi speċifikat li s-swieq tal-Istati Membri li huma inqas volatili mis-swieq rikonoxxuti bħala ekonomiji avvanzati skont dawk l-standards internazzjonali jikkostitwixxu ekonomiji tas-suq avvanzati aktar milli ekonomiji tas-suq emerġenti. Barra minn hekk, id-determinazzjoni ta' ekonomiji tas-suq avvanzati u emerġenti għandha tqis kif dovut it-twaqqif ta' suq intern fl-Unjoni, il-preżenza taż-Żona Ekonomika Ewropea, u l-ispecifiċċajiet relatati mal-pajjiżi u t-territorji *extra-Ewropej* ta' xi Stati Membri.
- (3) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-standards tekniċi regolatorji mressaq lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea.
- (4) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħha dwar l-abbozz tal-standards tekniċi regolatorji li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqhom, analizzat l-kostijiet u l-benefiċċċi potenzjali relatati, u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (²).

(¹) ĠUL 176, 27.6.2013, p. 1.

(²) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠUL 331, 15.12.2010, p. 12).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ekonomiji avvanzati u swieq emerġenti

1. Għall-finijiet tal-ispeċifikar tal-piżżejjiet tar-riskju għas-sensittivitajiet għall-fatturi tar-riskju ta' ekwità u ta' rata repo tal-ekwità f'konformità mal-Artikolu 325ap tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-pajjiżi li ġejjin għandhom jikkostitwixxu ekonomiji avvanzati:
 - (a) l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;
 - (b) il-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali mad-Danimarka, Franzia jew in-Netherlands, inklużi l-Gżejjer Faeroe u dawk elenkti fl-Anness II tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 - (c) il-pajjiżi terzi li ġejjin:
 - (i) pajjiżi terzi, li huma partijiet tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea;
 - (ii) l-Australja;
 - (iii) il-Kanada;
 - (iv) Hong Kong;
 - (v) il-Ġappun;
 - (vi) il-Messiku;
 - (vii) New Zealand;
 - (viii) Singapore;
 - (ix) l-Iżvizzera;
 - (x) ir-Renju Unit;
 - (xi) l-Istati Uniti.
2. Għall-finijiet tal-ispeċifikar tal-piżżejjiet tar-riskju għas-sensittivitajiet għall-fatturi tar-riskju ta' ekwità u ta' rata repo tal-ekwità skont l-Artikoli 325ap tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-pajjiżi mhux elenkti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkostitwixxu swieq emerġenti.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1623

tal-14 ta' Lulju 2022

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/891 għas-sena 2022 fir-rigward tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata, l-istratxija nazzjonali u l-irkupru tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għal impenji pluriennali fis-settur tal-frott u l-ħxejjex minħabba l-kriżi kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jista babilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 37, punti (a) u (c), u l-Artikolu 173(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Minħabba l-kriżi attwali kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russia fl-24 ta' Frar 2022, li bdiet ftit wara l-kriżi tal-COVID-19, il-bdiewa fl-Istati Membri kollha qed jiffaċċjaw diffikultajiet eċċeżżjonali. Jenħtieġ li jiġu introdotti miżuri bil-ħsieb li jirrispondu għal restrizzjonijiet estensivi fuq il-moviment, tfixxil fil-ktajjen tal-provvista u problemi loġistiċi li huma ġġenerati mill-invażjoni. Minħabba t-tfixxil fit-tul tal-loġistika u l-ktajjen tal-provvista, ix-xkiel serju fis-settur x'aktarx li jkompli u possibbilm saħansitra jiddeterjora. Il-problemi loġistiċi għamlu lill-bdiewa fl-UE vulnerabbli għat-taqlib ekonomiku kkawżat minn din il-kriżi, u bħalissa qed jiffaċċjaw diffikultajiet finanzjarji u problemi ta' likwidità.
- (2) L-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċċazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxuti fis-settur tal-frott u l-ħxejjex fl-Istati Membri kollha ħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet eċċeżżjonali fl-ippjanar, fil-ġestjoni u fl-implementazzjoni tal-programmi operazzjonali. Dan jista' jkollu l-konsewenza li jdewwem l-implementazzjoni ta' dawn il-programmi operazzjonali u għalhekk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċċazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu jonqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal dawk il-programmi operazzjonali b'mod partikolari fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 (²). L-organizzazzjonijiet tal-produtturi huma wkoll vulnerabbli għat-taqlib ikkawżati mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russia u qed jesperjenzaw diffikultajiet finanzjarji u problemi ta' likwidità kkawżati minn tfixxil fil-ktajjen tal-provvista. Qegħdin jesperjenzaw problemi loġistiċi u diffikultajiet fil-ħsasd tal-prodotti tagħhom minħabba nuqqas ta' haddiemu u diffikultajiet biex jaġlu għand il-konsumaturi minħabba tfixxil tal-katina tal-provvista. Dan qed ikollu impatt dirett fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u fuq il-kapaċitā tagħhom li jimplimentaw il-programmi operazzjonali. Dan qed ikompli jinfluwenza l-kapaċitā tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jintroduċċu miżuri u azzjonijiet li jimmiraw lejn l-effetti ta' din il-kriżi.
- (3) It-naqqis fil-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata fis-settur tal-frott u l-ħxejjex ikkawżat mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russia se jkollu impatt kbir fuq l-ammont ta' għajnejha tal-Unjoni li jirċievu l-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-sena sussegwenti, billi l-ammont ta' għajnejha tal-Unjoni jrid jiġi kkalkulat bħala perċentwal tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' kull organizzazzjoni tal-produtturi. Jekk iseħħi telf sostanzjali fil-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata fl-2022 għal raġunijiet marbuta mal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russia, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jirriskjaw li jitilfu r-rikonoxxiem tagħhom bħala organizzazzjonijiet tal-produtturi, peress li wieħed mill-kriterji għat-taqlob r-rikonoxxiem huwa li jilħqu ċertu valur minimu ta' produzzjoni kkummerċjalizzata stabbilit flivell nazzjonali. Dan ipoġġi friskju l-istabbiltà fit-tul tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi previst li jekk ikun hemm tnaqqis ta' mill-ingas 35 % fil-valur ta' proddott fis-sena 2022 għal raġunijiet marbuta mal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russia u jekk dan iseħħi barra mir-responsabbiltà u mill-kontroll tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, jenħtieġ li l-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata għall-2022 jiġi stabbilit

(¹) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

(²) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 tat-13 ta' Marzu 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċċessat u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-penalji li jridu jiġu applikati f'dawk is-setturi u li jemenda r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 (ĠU L 138, 25.5.2017, p. 4).

bħala 100 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata għall-perjodu preċedenti. Minħabba l-impatt ekonomiku estensiv tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fuq is-settur tal-frott u l-ħxejjex, il-limitu ta' 65 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata fil-perjodu preċedenti, stabbilit fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, muhuwiex bizzżejjed biex tinkiseb stabbiltà ekonomika u finanzjarja għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi kkonċernati mit-tali telf-fil-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata.

- (4) Jenħtieġ ukoll li għas-sena 2022 l-Istati Membri jiġu eżentati mill-obbligu stabbilit fl-Artikolu 27(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, biex jistabbilixxu fl-istratgeġji nazzjonali tagħhom il-perċentwali massimi tal-fond operazzjonali li jistgħu jintefqu fuq miżuri individwali jew tipi ta' azzjoni. Dan għandu jiżgura aktar flessibbiltà għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi biex jieħdu miżuri li jindirizzaw l-effetti tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fis-settur tal-frott u l-ħxejjex.
- (5) Sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, jenħtieġ li l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni rċevuta għall-impenji pluriennali fis-settur tal-frott u l-ħxejjex, bħal pereżempju azzjonijiet ambjentali, ma tiġix irkuprata u rimborżata lill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, kif previst fl-Artikolu 36(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, jekk l-objettivi fit-tul tagħhom ma setgħux jitwettqu minħabba l-interruzzjoni tagħhom fl-2022 għal raġunijiet marbuta mal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja.
- (6) Fid-dawl tal-ħtieġa li tittieħed azzjoni immedjata, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Minħabba li l-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali hija bbażata fuq sena kalendarja, id-dergi relatati mal-limitu massimu tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni u dwar il-bilanċ tal-miżuri stabbiliti fl-istratgeġja nazzjonali tal-Istati Membri previsti fl-Artikolu 1(1) u (2) ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2022,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Derogi mir-Regolament Delegat (UE) 2017/891 għas-sena 2022

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 23(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, jekk fis-sena 2022, tnaqqis ta' mill-inqas 35 % fil-valur ta' prodott seħħ għal raġunijiet barra mir-responsabbiltà u mill-kontroll tal-organizzazzjoni tal-produtturi, il-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' dak il-prodott għandu jitqies li jirrappreżenta 100 % tal-valur tiegħu fil-perjodu ta' referenza preċedenti. L-organizzazzjoni tal-produtturi għandha turi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat li dawn il-kundizzjonijiet huma ssodisfati.

2. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 27(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, l-obbligu li fl-istratgeġja nazzjonali l-Istati Membri jistabbilixxu l-perċentwali massimi tal-fond operazzjonali li jistgħu jintefqu fuq kwalunkwe miżura individwali jew tipi ta' azzjoni sabiex jiżguraw bilanċ bejn miżuri differenti, ma għandux japplika għas-sena 2022.

3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 36(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għall-impenji pluriennali, bħala pereżempju l-azzjonijiet ambjentali, ma tiġix irkuprata u rimborżata lill-FAEG meta l-objettivi fit-tul u l-benefiċċċi mistennija tagħhom ma jkunux jistgħu jitwettqu fis-sena 2022 minħabba l-interruzzjoni ta' dawk l-impenji għas-sena 2022 għal raġunijiet marbuta mal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1(1) u (2) għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Luju 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1624

tal-20 ta' Settembru 2022

li jemenda r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/607 li jipponi dazju anti-dumping definitiv fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li jorġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kif estiż għal importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar ikkonsenjati mill-Marokk u mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati bħala li jorġinaw minn dawn il-pajjiżi u sew jekk le, wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (¹) ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 11(3) u 13(4) tiegħi,

Billi:

1. IL-PROĊEDURA

1.1. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri fis-seħħ

- (1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 1796/1999 (²), il-Kunsill impona dazji anti-dumping definitivi fuq l-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar (steel ropes and cables, "SRC") li jorġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ"), l-Ungerija, l-Indja, il-Messiku, il-Polonja, l-Afrika t'Isfel u l-Ukrajna ("il-miżuri orīġinali").
- (2) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 1858/2005 (³), il-Kunsill, wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, żamm il-miżuri orīġinali imposti fuq l-importazzjonijiet tal-SRCs li jorġinaw mir-RPĊ, l-Indja, l-Afrika t'Isfel u l-Ukrajna. Il-miżuri applikabbi għall-importazzjonijiet li jorġinaw mill-Messiku skadew fit-18 ta' Awwissu 2004 (⁴). Peress li l-Ungerija u l-Polonja saru membri tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, il-miżuri ntemmu f'din id-data. Il-miżuri applikabbi għall-importazzjonijiet li jorġinaw mill-Indja skadew fis-17 ta' Novembru 2010 (⁵).
- (3) F'Mejju 2010, permezz tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 400/2010 (⁶) il-Kunsill estenda d-dazju antidumping definitiv impost permezz tar-Regolament (KE) Nru 1858/2005 fuq l-importazzjonijiet ta' SRCs, li jorġinaw mir-RPĊ, għall-importazzjonijiet ta' SRCs ikkonsenjati mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati bħala li jorġinaw mir-Repubblika tal-Korea u sew jekk le, bħala riżultat ta' investigazzjoni kontra c-ċirkomvenzjoni

(¹) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1796/1999 tat-12 ta' Awwissu 1999 li jipponi dazju definitiv anti-dumping, u li jiġbor b'mod definitiv id-dazju proviżorju impost, fuq importazzjoni ta' ħbula u cables tal-azzar ġejjin mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, l-Ungerija, l-Indja, il-Messiku, il-Polonja, l-Afrika ta' Isfel u l-Ukrajna u li jtemm il-proċeduri legali kontra anti-dumping minn importazzjonijiet ġejjin mir-Repubblika tal-Korea (ĠU L 217, 17.8.1999, p. 1).

(³) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1858/2005 tat-8 ta' Novembru 2005 li jipponi dazju anti-dumping definitiv fuq importazzjonijiet tal-ħbula tal-azzar u kejbils li jorġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, l-Indja, l-Afrika t'Isfel u l-Ukrajna wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 (ĠU L 299, 16.11.2005, p. 1).

(⁴) Avviż tal-iskadenza ta' ċerti miżuri anti-dumping (ĠU C 203, 11.8.2004, p. 4).

(⁵) Avviż tal-iskadenza ta' ċerti miżuri anti-dumping (ĠU C 311, 16.11.2010, p. 16).

(⁶) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 400/2010 tas-26 ta' April 2010 li jestendi d-dazju definitiv anti-dumping impost mir-Regolament (KE) Nru 1858/2005 fuq l-importazzjonijiet ta' ħbula tal-azzar u kejbils li jorġinaw, *inter alia*, fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għall-importazzjonijiet ta' ħbula tal-azzar u kejbils ikkonsenjati mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati li jorġinaw mir-Repubblika tal-Korea kif ukoll jekk le, u li jtemm l-investigazzjoni fir-rigward tal-importazzjonijiet ikkonsenjati mill-Malasja, (ĠU L 117, 11.5.2010, p. 1).

skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku (il-“miżura kontra ċ-ċirkomvenzjoni”). Ċerti proġettu esportaturi Koreani kien mogħtija eżenzjoni mill-miżura kontra ċ-ċirkomvenzjoni peress li ma nstabux li kien qed jevadu d-dazji anti-dumping definitivi.

- (4) F'Jannar 2012, permezz tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 102/2012 (⁷), il-Kunsill, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku impona d-dazju anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-SRCs li jorġinaw, *inter alia*, mir-RPĊ kif estiż għall-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea. Permezz tal-istess Regolament, il-Kunsill temm il-proċediment fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-SRCs li jorġinaw mill-Afrika t'Isfel.
- (5) F'April 2018, permezz tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2018/607 (⁸), il-Kummissjoni wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku imponiet dazju anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-SRCs li jorġinaw mir-RPĊ, kif estiż, *inter alia*, għar-Repubblika tal-Korea.
- (6) Id-dazji anti-dumping definitivi attwalment fis-seħħi jammontaw għal 60,4 %.

1.2. Talba għal bidla fl-isem

- (7) Fis-6 ta' Mejju 2020 Young Heung Iron & Steel Co., Ltd wieħed mill-proġetti esportaturi Koreani li kellu eżenzjoni mill-miżura kontra ċ-ċirkomvenzjoni kif imsemmi fil-premessa (3), informa lill-Kummissjoni li kien biddel ismu għal Youngwire (“Youngwire” jew “il-kumpanija”).
- (8) Youngwire talbet lill-Kummissjoni biex tikkonferma li l-bidla fl-isem ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mill-eżenzjoni tar-rata tad-dazju anti-dumping estiżha li nghatħat lilha skont l-isem li kellha qabel.
- (9) Il-Kummissjoni eżaminat l-informazzjoni pprovduta u kkonkludiet li Youngwire għaddiet minn riorganizzazzjoni, inkluż permezz tal-akkwist ta' assi ta' esportatur Korean ieħor li wkoll kien jibbenefika mill-eżenzjoni, Dae Heung Industrial Co. Ltd.
- (10) Il-Kummissjoni qieset li dawn il-bidli sinifikanti, li ħarġu fid-dieher fil-kuntest tat-talba għal bidla fl-isem, setgħu affettwaw l-el-ġibbiltà tal-kumpanija għal eżenzjoni mill-miżuri ta' kontra ċ-ċirkomvenzjoni.
- (11) Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li kien hemm biżżejjed evidenza li ċ-ċirkostanzi li abbażi tagħhom ingħatat l-eżenzjoni lil Youngwire taħt l-isem preċedenti tagħha setgħu b'mod sinifikanti, u li dawn il-bidli kienu ta' natura dejjiha li jiġiustifikaw il-bidu ta' rieżami interim parżjali.

(⁷) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 102/2012 tas-27 ta' Jannar 2012 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li jorġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mill-Ukrajna kif estiż għal importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar mibgħutin mill-Marokk, mill-Moldova u mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddiċċarati bħala li jorġinaw minn dawn il-pajjiżi u sew jekk le, wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 u li ttemm il-proċediment tar-reviżjoni tal-iskadenza li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li jorġinaw mill-Afrika t'Isfel skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 36, 9.2.2012, p. 1).

(⁸) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/607 tad-19 ta' April 2018 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li jorġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kif estiż għal importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar ikkonsenjati mill-Marokk u mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddiċċarati bħala li jorġinaw minn dawn il-pajjiżi u sew jekk le, wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 101, 20.4.2018, p. 40).

1.3. Bidu ta' rieżami interim parpjali

- (12) Fil-5 ta' Awwissu 2021, abbażi tal-informazzjoni msemmija fil-premessi minn (9) sa (11), il-Kummissjoni ddeċidiet fuq inizjattiva tagħha stess li tibda rieżami interim parpjali limitat fil-kamp ta' applikazzjoni għall-eżami tal-eżenzjoni mogħtija lil Youngwire taħt l-isem preċedenti, skont l-Artikolu 11(3) flimkien mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku. L-għan tar-rieżami kien li jiġi stabbilit jekk Youngwire għadhiex intitolata għal eżenzjoni mill-miżura ta' kontra ċ-ċirkomvenzjoni.

1.4. Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami

- (13) L-investigazzjoni kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sat-30 ta' Ġunju 2021 ("il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami"). Inġabret data għall-perjodu ta' investigazzjoni biex jiġi investigat, *inter alia*, jekk hemmx bidla fix-xejra tal-kummerċ wara r-riorganizzazzjoni tal-kumpanija u x'inħuma, jekk hemm, il-proċeduri u l-kontrolli li Youngwire għandha fis-seħħ sabiex twaqqaqaf lill-prodotti Ċiniżi milli jinbiegħu bħala Koreani, u b'hekk jiġu evitati d-dazji. Inġabret data aktar dettaljata, inkluża data dwar il-bejgħ u x-xiri fil-livell tat-tranżazzjonijiet għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021 ("il-perjodu ta' rapportar").

1.5. Partijiet interessati

- (14) Fin-Notifika ta' Bidu (⁹), il-partijiet interessati ġew mistiedna biex jikkuntattjaw lill-Kummissjoni biex jieħdu sehem fir-rieżami. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lil Youngwire dwar il-bidu tar-rieżami u stednitha tipparteċipa.
- (15) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkumentaw dwar il-bidu tar-rieżami u li jitkolbu seduta ta' smiġħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

1.5.1. Kwestjonarji

- (16) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lil Youngwire, li wkoll issottomettiet tweġiba għall-kwestjonarju.

1.5.2. Żjara ta' verifikasi

- (17) Il-Kummissjoni fittxet l-informazzjoni kollha neċċesarja biex tistabbilixxi jekk Youngwire għadhiex intitolata għal eżenzjoni mill-miżura ta' kontra ċ-ċirkomvenzjoni, u vverifikatha. Żjara ta' verifikasi skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku saret fil-bini ta' Youngwire f'Changwon u Busan, ir-Repubblika tal-Korea.

2. IL-PRODOTT TAĦT RIEŻAMI

- (18) Il-prodott soġġett għal dan ir-rieżami huwa l-istess bħal tal-investigazzjoni oriġinali u tar-rieżamijiet tal-iskadenza li ġejjin, jiġifieri ħbula u kejbils tal-azzar inklużi ħbula mibrumin issiġillati, esklużi l-ħbula u kejbils magħmula mill-azzar inossidabbli, b'dimensjoni trasversali massima ta' aktar minn 3 mm, li jorġinaw mir-RPĊ ("il-prodott soġġett għal rieżami"), li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex ex 7312 10 81, ex 7312 10 83, ex 7312 10 85, ex 7312 10 89 u ex 7312 10 98 (il-kodiċijiet TARIC 7312 10 81 19, 7312 10 83 19, 7312 10 85 19, 7312 10 89 19 u 7312 10 98 19), kif estiż għall-istess ħbula u kejbils ikkonsenjati mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddiċċjarati bħala li jorġinaw mir-Repubblika tal-Korea u sew jekk le (il-kodiċijiet TARIC 7312 10 81 13, 7312 10 83 13, 7312 10 85 13, 7312 10 89 13 u 7312 10 98 13).

^(⁹) Notifika ta' bidu ta' rieżami interim parpjali tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li jorġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiżi għall-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar ikkonsenjati mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddiċċjarati li jorġinaw mir-Repubblika tal-Korea u sew jekk le (ĠU C 313, 5.8.2021, p. 9).

3. EŻAMI TAL-EŻENZJONI MOGHHTIJA LIL YOUNG HEUNG/YOUNGWIRE

- (19) Kif imsemmi fil-premessa(12), l-ambitu tar-rieżami interim parpjali attwali kien limitat għall-eżami ta' jekk l-eżenżjoni mogħtija lil Youngwire għadhiex valida wara r-riorganizzazzjoni tagħha. B'mod partikolari, l-investigazzjoni vvalutat jekk il-kumpanija kinitx involuta fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni kif definit fl-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament bażiku.
- (20) Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk kienx hemm bidla fix-xejra tal-kummerċ li tinvolvi lil Young wara r-riorganizzazzjoni tagħha u l-bidla fl-isem.

3.1. Il-bidla fix-xejra tal-kummerċ

- (21) Il-bejħ tal-esportazzjoni ta' Youngwire lejn l-Unjoni baqa' b'mod ġenerali fuq livell relattivament stabbli matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami, mingħajr bidla notevoli wara r-riorganizzazzjoni. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda żieda fl-importazzjonijiet mir-RPĊ matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami qabel jew wara r-riorganizzazzjoni.
- (22) Matul l-investigazzjoni kontra c-ċirkomvenzjoni, Youngwire kienet wieħed mill-produtturi relatati ma' produttur esportatur mir-RPĊ soġġett għall-miżuri oriġinali. Madankollu, ma kien hemm l-ebda evidenza li tali relazzjoni ġiet stabilita jew użata biex jiġu evitati l-miżuri fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ u għalhekk, l-eżenżjoni nghat. L-investigazzjoni preżenti sabet li din is-sitwazzjoni ma nbidlitx wara r-riorganizzazzjoni ta' Youngwire.
- (23) L-investigazzjoni sabet ukoll li Youngwire xrat parti mill-prodott taħt rieżami mill-kumpanija relatata tagħha fir-RPĊ. Madankollu, il-prodott taħt rieżami mixtri mill-kumpanija relatata tagħha fir-RPĊ qabel u wara r-riorganizzazzjoni u l-bidla fl-isem inbiegħ biss fis-suq domestiku fir-Repubblika tal-Korea u fi swieg oħra tal-esportazzjoni, filwaqt li ma ġiex esportat lejn l-Unjoni. Barra minn hekk, il-volumi mixtrija mill-kumpanija relatata tagħha ma żidux wara r-riorganizzazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda evidenza li saret xi bidla fix-xejra tal-kummerċ skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, la wara r-riorganizzazzjoni ta' Youngwire u lanqas matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami, li tinvolvi lill-kumpanija.

3.2. It-trasbord tal-SRCs magħmulin fiċ-Ċina permezz tal-kumpanija relatata fir-Repubblika tal-Korea

- (24) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk kienx hemm xi prattika, proċess jew ħidma msemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku li jindika ċirkomvenzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni l-ewwel ivvalutat jekk il-kumpanija kellhiex biżżejjed produzzjoni reali ta' ħbula u kejbils tal-azzar li jikkorrispondu għall-bejħ tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni sabet li l-kumpanija tabilħaqq kellha produzzjoni suffiċjenti ta' ħbula u kejbils tal-azzar li jikkorrispondu għall-bejħ tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni.
- (25) It-tieni, kif imsemmi premessa(21), il-kumpanija xrat ukoll parti mill-prodott taħt rieżami mill-kumpanija relatata tagħha fir-RPĊ. Il-Kummissjoni eżaminat il-proċeduri u l-kontrolli li jipprevju lill-prodotti Ċiniżi milli jinbiegħu bħala Koreani biex b'hekk jiġu evitati d-dazji. Għaldaqstant il-Kummissjoni rrieżaminat is-sistemi tal-IT ta' Youngwire użati għat-traċċar tal-prodotti li tagħmel hi stess permezz tal-proċess tal-produzzjoni u tal-bejħ, u vverifikat b'mod sostantiv l-evidenza dokumentarja biex tiżgura li l-prodotti esportati lejn l-Unjoni u magħmulin mill-kumpanija biss jibbenfikaw mill-eżenżjoni tal-miżuri kontra c-ċirkomvenzjoni. Dan kien jinkludi wkoll ittestjar sostantiv tat-tranżazzjoni jekk li seħħew matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami kollu.
- (26) L-investigazzjoni żvelat li s-sistema ta' traċċar tal-kumpanija żgurat li l-prodotti li jibbenfikaw mill-eżenżjoni tal-miżura ta' kontra c-ċirkomvenzjoni kienu magħmulin minn Youngwire fil-faċilitajiet ta' produzzjoni tagħha stess fir-Repubblika tal-Korea.

- (27) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prodotti taħt rieżami esportati lejn is-suq tal-Unjoni jistgħu jiġu ttraċċati b'mod inekwivoku u li ma sar l-ebda trasbord ta' prodotti magħmulin iċ-Ċina lejn is-suq tal-Unjoni mill-kumpanija waqt il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami.

3.3. Operazzjonijiet ta' assemblaġġ

- (28) Il-Kummissjoni vvalutat ukoll jekk kienx hemm xi indikazzjoni ta' ċirkomvenzjoni tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ permezz ta' operazzjonijiet ta' assemblaġġ skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku.
- (29) Skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku, operazzjoni ta' assemblaġġ għandha titqies li tevita l-miżuri fis-seħħ meta:
- (a) l-operazzjoni bdiet jew żdiedet sostanzjalment minn meta, jew eżatt qabel, il-bidu tal-investigazzjoni anti-dumping u l-partijiet konċernati huma mill-pajjiż soġġett għall-miżuri; kif ukoll
 - (b) il-partijiet jikkostitwixxu 60 % jew iktar mill-valur totali tal-partijiet tal-prodott assemblat, ħlief li fl-ebda każ ma għandha titqies li qed issir ċirkomvenzjoni meta l-valur miżjud mal-partijiet miġjuba, matul l-operazzjoni ta' assembleġġ jew ta' kompletazzjoni, ikun ikbar minn 25 % tal-ispiża tal-manifattura; kif ukoll
 - (c) l-effetti rimedjali tad-dazju jkunu qed jiġu mminnati f'termini ta' prezziżżej u/jew ta' kwantitatijiet tal-prodott simili assemblat u jkun hemm evidenza ta' dumping apparagun tal-valuri normali preċedentement stabbiliti għal prodotti simili jew bħalhom.
- (30) Il-Kummissjoni ġabret u vverifikat informazzjoni dettaljata dwar l-akkwist tal-materja prima ta' Youngwire, il-proċessi ta' produzzjoni u l-kontabbiltà tal-kostijiet. L-investigazzjoni żvelat li l-valur tal-materja prima importata u użata fil-procress tal-produzzjoni ma qabiżx il-limitu ta' 60 % tal-valur totali tal-partijiet tal-prodott assemblat, kif definit fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni aċċertat ukoll li l-valur miżjud mal-partijiet, li ddaħħlu, qabeż il-limitu ta' 25 %, kif definit fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku.
- (31) Fuq din il-bażi, l-investigazzjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda operazzjoni ta' assemblaġġ li titqies bħala ċirkomvenzjoni tal-miżuri skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku. Fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet, ma kienx meħtieġ li jiġu vvalutati l-kriterji li kien fadal fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku.

4. KONKLUŻJONI U DIVULGAZZJONI

